**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-27 ta' Frar 2023**

**Rikors Numru : 6/2023 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**SC**

**U**

**JC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' SC u JC datat 6 ta' Jannar 2023, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*ILLI r-rikorrenti izzewgu fl-1 ta' Lulju 2017 gewwa San Giljan, Malta (certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok A);*

*Illi minn dan iz-zwieg ma kellhomx ulied;*

*Illi r-rikorrenti sseparaw permezz ta' kuntratt tas-27 ta' Ottubru 2022, fl-atti tan-Nutar Dr Daniela Chetcuti, kopja ta' liema kuntratt hija hawn annessa u mmarkata Dok B;*

*Illi r-rikorrenti ilhom jghixu separatament minn Jannar tas-sena 2022 meta l-esponent JC ivvaka d-dar matrimonjali;*

*Illi l-istess rikorrenti ilhom ghal dawn l-ahhar xhur jghixu hajja kompletament*

*indipendenti minn xulxin u m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;*

*Illi in oltre, r-rikorrenti ma ghandhom l-ebda pendenza bejniethom fir-rigward ta' manteniment;*

*Illi r-rikorrenti jixtiequ jiddivorzjaw u jaqblu li z-zwieg taghhom ghandu jigi mahlul;*

*Illi huma jissodisfaw il-kriterji impost mill-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex iz-zwieg taghhom jigi xolt.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilmenti jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tordna li z-zwieg kuntrattat bejn ir-rikorrenti fl-1 ta' Lulju 2017 gewwa San Giljan, Malta jigi mahlul;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien iffissat minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**SC xehdet** (vide affidavit fol 10) illi l-kontendenti zzewgu nhar l-1 ta' Lulju 2017, u li minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal. Iddikjarat illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt datat 27 t'Ottubru 2022 fl-atti tan-Nutar Dr Daniela Chetcuti u tikkonferma wkoll li ilhom separati de facto minn Jannar 2022. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

**JC xehed** (vide affidavit fol 11) u kkonferma u korrobora ma dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat,***

> ***fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
>
> ***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-1 ta' Lulju 2017, liema zwieg jgib certifikat numru 1853/2017 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg ma kellhomx ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 27 t'Ottubru 2022 fl-atti tan-Nutar Dr Daniela Chetcuti (vide fol 4). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1853/2017 u tordna lir-Registratur**

**tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**